# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1699/22 GG**

**Paul Falzon, Karta tal-Identita' 0422060 M u**

**Tlata Contractors Limited (C39842)**

**-vs-**

**Paula sive Pauline Debono, Karta tal-Identita' 0676160 M.**

Illum ta' Frar 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Paul Falzon u Tlata Contractors Limited ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2022 li bih talbu il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izzommu lill-intimata milli "jbiegh, inehhi, jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari" il-proprjeta' deskritta fl-elenku ta' proprjetajiet elenkati mir-rikorrenti;

Rad-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika b'sitt ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghall-15 ta' Dicembru, 2022;

Rat illi l-intimata tat ruhha b'notifikat bir-rikors promutur, bl-appuntament tas-smiegh u bid-digriet provizorja fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2023 ir-rikros thalla ghad-digriet *in camera*;

Ikkunsidrat:

**Fatti rilevanti:**

1. Illi mir-rikors promutur jemergi biss illi r-raguni ghaliex ir-rikorrenti qieghdin jitolbu l-hrug ta' dn il-mandat hija dik singolari "*sabiex jikkawtelaw l-kreditu hawn taht imsemmi*" rapprezentanti "*Ammont ta' danni arrekati mill-intimata mill-esponenti rikorrenti b'rizultat u konsegwenti ghall-agir frivolu, abussiv u vessatorju tal-intimata mirata sabiex jarreka u jikkaguna danni lill-esponenti rikorrenti atturi permezz tal-hrug ta' mandati kawtelatorji li l-kawzali ghall-hrug taghhom hija fiergha, frivola u vessatorja u permeez ta' atti ohra doluzi u*

*abbuzzivi fil-kors tal-kawza li segwiet il-hrug tal-imsemmija mandati"*. Mis-sottomissjonijeit orali tal-abbli avukat tar-rikorrenti, jidher li bejn il-partijiet tfacca xi dizgwid sussegwenti tmien ta' relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimata li da parti taghha kienet ottjeniet il-hrug ta' mandati ta' sekwestri kontra tieghu. Fir-risposta taghha, l-intimata elenkat l-episodju kollha li bihom inhargu mandati ta' sekwestri kawtelatorji kontra r-rikorrenti fejn jidher li dan kollu sar in kawtela tal-ammont pretiz ta' €289,000. Ir-rikorrenti issa qed jitolbu ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kawtela tal-ammont ta' €1,200,00.00 bhala reazzjoni diretta ghall-agir allegatament frivolu tal-intimata;

**Dritt:**

2. Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza kopjuza in materja illi Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlobu juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b'mod illi c-cahda tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Oltre dan jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta' presenza ta' wahda minnhom tkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba. Illi fl-ezami u r-ricerka fil-fatti migjuba quddiemha ghad-decizjoni dwar iz-zewg rekwiziti appena elenkati, l-Qorti ghandha timxi b'mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tiehu

konjizzjoni u tiddeciedi bl-istess mod mistenni mil-Qorti fil-kaz tal-kontenzjuz;

3. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u teddeciedi it-talba tar-rikorrenti fil-qafas legali appena mghoddi in rassenja;

4. Qabel kull osservazzjoni ohra, izda, jehtieg li tkun deciza l-kwistjoni ta' nullita' tal-proceduri sollevata mill-intimata fir-risposta taghha. Dwar dan, izda, ma ntqal xejn aktar ghajr li l-proceduri huma irriti u nulli u li r-rikorrenti messhom rikorrew ghall-proceduri ohra. Il-Qorti ma tara xejn li jista' jobbligaha tqanqal xi nullita' fir-rikors promutur u ghalhekk u in vista tan-nuqqas ta' amplifikazzjoni da parti tal-intimata, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni;

**Jedd *prima facie* :**

5. Illi l-ghan tar-rikorrenti fl-otteniment tal-mandat ta' inibizzjoni minnhom intentat hu li jwaqqfu lill-intimata milli tittrasferizzi jew jiddisponi xort'ohra mill-lista mdaqqsa tal-proprjetajiet minnhom elenkati. Issa u kif gia senjalat, il-Qorti jehtigilha li tkun konvinta li r-rikorrenti fuq bazi *prima facie* ghandhom jedd x'jithares. Inoltre, mhux bizzejjed li jirrizulta biss dan l-elementi wahdu ghall-otteniment tal-mandat in disamina ghaliex jehtieg ukoll li mieghu jezisti ukoll l-element ta'pregudizzju irreparabbli. Kif tajjeb osservat l-intimata fir-risposta taghha, r-rikorrenti ma huma xejn cari fil-kawzali taghhom u tazzarda zzid tosserva din il-Qorti illi r-rikorrenti ma ressqu ebda spjegazzjoni tal-pretensjoni taghhom

lanqas waqt is-sottomissjonijiet orali sabiex jikkonvinvu lill-Qorti dwar il-jedd taghhom li l-ammont minnhom mpretiz, **<u>li ghadu mhux likwidat</u>**, ma jistghax rekuperat ghajr bil-hrug ta' dan il-mandat;

6. Illi l-Qorti ttendi taqbel mal-intimata meta tghid illi ghall-pretensjoni taghha tal-ammont ta' €289,000.00 li dwaru ottjeniet mandat kawtelatorju r-rikorrenti, minflok ma rrikorew ghall-procedura fejn talbu garanzija f'ammont relevanti fl-atti ta' dak il-mandat, ghazlu l'procedura odjerna minghajr ma specifikaw kif u ghaliex waslu ghas-somma minnhom reklamata ta' 1,200,000.00. Dan iwassal ghall-nuqqas ta' prova fuq bazi prima facie tal-jedd tar-rikorrenti;

7. Illi stante li t-talba tar-rikrorenti tippekka fuq l-ewwel element ma hemmx htiega li jkun ezaminat it-tieni element tal-pregudizzju;

**Decide:**

**Ghalhekk u ghal-dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tichad it-talba tar-rikorrenti, qed tirrevoka id-digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2022 li bih kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**Tordna notifika lill-Avukati tal-partijiet.**

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Charmaine Bugeja**

**Assistent Reġistratur**